**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 9 ta' Marzu 2023**

**Kawża Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1073/2022 JVC**

**Godfrey Mc Lean**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Godfrey Mc Lean talab kif isegwi:

'1. Illi l-esponent, kif jirriżulta mill-okkju, huwa kunjomu Mc Lean.

2. Illi dan l-aħħar irriżulta li fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent, il-kunjom tal-ġenituri tiegħu jinkludi full stop li r-rikorrent qatt

ma uża qabel u dejjem indika konjomu mingħajr dan il-punt. Dan iċ-ċertifikat qiegħed ikun esebiit u mmarkat bħala **Dok A.**

3. Illi jirriżulta iċ-ċertifikat tat-twelid ta' missieru Stefano Mc Lean li l-kunjom huwa indikat mingħajr full stop. Għalhekk jirriżulta ċar li sar żball fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent meta l-kunjom tat-twelid tal-ġenituri tiegħu huwa imniżżel bħala Mc.Lean u mhux Mc Lean.

4. Illi kemm l-karta ta' l-identita' tar-rikorrent kif ukoll il-passaport tar-rikorrent, il-kunjom huwa indikat bħala "Mc Lean".

5. Illi r-rikorrent sab diffikulta' meta ġie sabiex japplika għall-passasport ġdid u dokumenti oħra ġodda u ghalhekk jehtieg li ssir korrezzjoni fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid. Għalhekk l-esponent irrikorra għal tali proċeduri sabiex iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Carmela Vella jkun jirrispekkja l-verita'

5. Illi r-rikorrent bl-ebda mod ma huwa responsabbli għal tali żball u għalhekk m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi il-ġenituri tar-rikorrent kien kunjomhom Mc Lean u mhux Mc.Lean kif ġie erronjament indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid sureferit;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid numru 4284 tas-sena 1956 tar-rikorrent jagħmel korrezzjoni fejn taħt il-kolonna *'Isem u kunjom il-ġenituri'* jidħlu l-kliem ukoll *"isem u kunjom tal-missier u jekk hux ħaj jew*

*mejjet"* ikun ikkanċellat il-kunjom *Mc.Lean* u minflok jkun sostitwit bil-kunjom *Mc Lean* u titniżel annotazzjoni ġenerali taħt il-kolonna annotazzjoni sabiex kull fejn hemm indikat il-kunjom Mc.Lean dan jiġi sostitwit bil-kunjom Mc Lean;

3.Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel korrezzjoni f'ċertifikati ohra relattivi, jekk ikun il-każ, li jistgħu jirriżultaw fil-mori ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reħistru Pubbliku.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi in vena preliminari wkoll, jeħtieġ li r-rikorrent jispeċifika jekk l-azzjoni odjerna hix qed tissejjes fuq l-artikolu 253(1) jew fuq l-artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili, stante li eżitu tal-proċeduri odjerni jeddependi fuq tali dikjarazzjoni;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat promotur;

4. Illi jibda billi jingħad li r-rikorrent ippreżenta biss estratt tal-Att tat-Twelid tiegħu, u għalhekk l-esponent qiegħed jippreżenta vera kopja tal-Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrent innumerat 4284/1956, li qed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. DRP1, bil-għan li jiffaċilita l-andament tal-proċeduri odjerni;

5. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent jirriżulta illi huwa twieled f'Malta, fit-23 ta' Ġunju 1956, lil Stephen Mc. Lean u lil Maria Stella Mc. Lean, u li Mc. Lean huwa l-kunjom li bih iffirma d-dikjarazzjoni tat-twelid missier ir-rikorrent. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jikkontendi r-rikorrent, huwa evidenti li ma sar ebda żball da parti tal-esponent, stante li l-*full stop* fil-kunjom Mc. Lean tidher ukoll fil-firma tal-missier innifsu fuq il-vera kopja tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent;

6. Illi r-rikorrent ipproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu, stante illi huwa ddikjara li minkejja li kunjomu huwa indikat bħala Mc. Lean fuq l-Att tat-Twelid tiegħu, il-kunjom tal-familja effettivament huwa Mc Lean, mingħajr il-*full stop*;

7. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

8. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, qed jiġi rrilevat illi kemm-il darba r-rikorrent jispeċifika li qed jibbaża l-azzjoni odjerna fuq l-artikolu

253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandhiex issir biss annotazzjoni speċifika sabiex jinbidel kunjom il-ġenituri tiegħu minn fuq l-Att tat-Twelid innumerat 4284/1956, iżda għandha ssir ukoll annotazzjoni speċifika sabiex jinbidel kunjom in-nannu patern tar-rikorrent, u annotazzjoni ġenerali sabiex kull fejn hemm indikat il-kunjom 'Mc. Lean' fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, dan jiġi sostitwit bil-kunjom 'Mc Lean';

9. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, fejn qed tintalab korrezzjoni "f'ċertifikati ohra relattivi, jekk ikun il-każ, li jistgħu jirriżultaw fil-mori ta' din il-kawża", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

10. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu, u li għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 13 tal-proċess.

Rat il-korrezzjonijiet mitluba w'akkordati fir-rikors guramentat.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrent li turi illi tul is-snin sa minn meta kien żgħir huwa kien dejjem magħruf bil-kunjom 'Mc Lean'. Il-Qorti tagħmel referenza partikolari għal kopja tal-passaport a fol 7 tal-proċess u kopja tal-karta tal-identità a fol 6 tal-proċess.

Rat il-kopja tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-att tat-twelid tar-rikorrent esebita mid-Direttur intimat a fol 17 tal-proċess li minnha jirriżulta li kien hemm diversi żbalji kif jinkiteb il-kunjom Mc Lean tant illi dan gie kancellat u rrangat mill-inqas erba' darbiet fl-istess ċertifikat.

Rat illi missier ir-rikorrent fil-firma tiegħu iffirma bħala 'Mc Lean'.

Rat li effettivament meta dan iċ-ċertifikat bil-miktub ġie traspost fl-istess ċertifikat imma ittajpjat, filwaqt li l-kunjom tal-missier ġie indikat bħala 'Mc.Lean' kunjom omm ir-rikorrent ġie indikat bħala 'Mc Lean'.

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġġustifikata w'ser tgħaddi sabiex tibqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti w tiddikjara li l-ġenituri tar-rikorrent kien kunjomhom 'Mc Lean' u mhux 'Mc.Lean' kif ġie erronjament indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti w tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid numru 4284 tas sena 1956 tar-rikorrent jagħmel korrezzjoni fejn taħt il-kolonna *'Isem u kunjom il-ġenituri'* u l-kolonna "isem u kunjom tal-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" jkun ikkanċellat il-kunjom 'Mc.Lean' u minflok jiġi sostitwit bil-kunjom 'Mc Lean' u titniżżel annotazzjoni ġenerali taħt il-kolonna annotazzjoni sabiex kull fejn hemm indikat il-kunjom 'Mc.Lean' jiġi sostitwit bil-kunjom 'Mc Lean';

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent limitatament għal atti fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fic-cirkostanzi, partikolarment in-numru ta' zbalji li jidhru evidenti fic-certifikat originali, l-ispejjez għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Marzu 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**9 ta' Marzu 2023**